# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

# MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.M (IMLI) LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Hamis (9) ta' Gunju 2016

Rikors Numru 57/12 FDP

**Grand Hotel Excelsior Limited**
**(C 12837)**

**vs**

**Raymond Steer Chetham (ID 218359M), Jane Steer Chetham (ID 88956M), Paul Degaetano (ID 505462M), Josienne Degaetano (ID 222663M), Jennifer Farrugia (ID 179063M), Eugenio Farrugia (ID 15362M) bhala gesturi fil-kummerc bl-isem ta' RS and Partners u Roy Steer (ID 187193M) bhala manager ta' l-istess ditta**

Il-Qorti:-

Rat l-avviz ippresentat fis 16 ta' Frar 2012 kontra l-intimati mis-socjeta rikorrenti fejn l-istess socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati ihallsuha s-somma ta' sebat elef, seba mija u tnejn u sittin Euro, u erbghin centezmu (€7,762.40) import ta' akkomodazzjoni fil-lukanda Grand Hotel Excelsion u servizzi ohra relatati ma' l-istess pprovduti mis-socjeta intimati lilhom fuq inkarigu u struzzjonijiet taghhom stess. Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat 23 ta' Awisssu 2010 kif ukoll tal-ittra ufficjali 3534/2010 tal 14 ta' Settembru 2010.

Rat illi fil-21 ta' Marzu 2012 Roy Steer ippresenta risposta fejn stqarr illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u kienu Jennifer Farrugia, Paul Degaetano, Josienne Degaetano u Ray Steer Chetham li kienu qed jorganizzaw l-attivita ossija kuncert ta' Rod Stewart, filwaqt illi sahaq illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt (fol 5).

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra kollha ppresentata fit-30 ta' April 2012 fejn stqarru, preliminarjament, li Jane Steer Chetham u Eugenio Farrugia ma humiex gesturi tad-ditta RS & Partners u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-oservanza tal-gudizzju filwaqt illi sahqu lkoll illi Roy Steer ma kellu ebda rappresentanza legali tad-ditta RS and Partners u ghalhekk ma hemm ebda

relazzjoni guridika bejn is-socjeta rikorrenti u d-ditta RS and Partners. Finalment, il-konvenuti shaqu li l-ammont ma huwiex dovut peress illi l-ftehim kien iffirmat bejn is-socjeta attrici u Roy Steer u huwa responsabbli ghal hlas, jekk dovut (fol 11).

Rat illi fis-7 ta' Settembru 2012 il-konvenuti kollha salv Roy Steer ressqu eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2147 (b) tal-Kap 16 (fol 13).

Rat illi fil-21 ta' Dicembru 2012, il-konvenut Roy Steer ukoll ressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-azzjoni hija preskritta a tenut tal-artikolu 2147 (b) tal-Kap 16 (fol 46).

Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2012, il-kawza giet differita ghal provi u decizjoni fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti.

Rat l-ittra ufficjali ippresentata mis-socjeta rikorrenti lill-konvenuti fl-14 ta' Settembru 2010.

Rat l-affidavit ta' **Norbert Grixti** ippresentat fit-28 ta' Dicembru 2012 flimkien mad-dokumentazzjoni hemm esebita.

Rat l-affidavits ta' **Jennifer Farrugia**, **Eugenio Farrugia**, **Paul Degaetano**, **Josienne Degaetano**, **Ray Steer Chetham** u **Jane Steer Chetham** fejn lkoll kkonfermaw illi huwa qatt ma gew notifikat bl-ittra ufficjali datata 14 ta' Settembru 2010.

Rat illi fis-17 ta' Gunju 2013 dina l-Qorti, kif ppresjeduta, tat decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni, fejn laqat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat illi fit-28 ta' Jannar 2015 il-Qorti tal-Appell, revokat s-sentenza li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u baghtet l-atti lura sabiex tigi deciza l-kawza fl-ambitu tal-eccezzjonjiet l-ohra.

Rat illi fit-2 ta' Marzu 2015, dina l-Qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh mill-gdid w il-kawza tkompliet dwar l-eccezzjonijiet l-ohra.

Semghet il-kontro ezami ta' Norbert Grixti illi saret fil 11 ta' Gunju 2015 u fit 12 ta' Ottubru 2015.

Semghet ix-xhieda **Dr. Carlo Bisazza** moghtija fis 16 ta' Novembru 2015.

Rat illi fis-16 ta' Novembru 2015, l-intimati kollha salv Roy Steer iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat illi fil 21 ta' Jannar 2016 il-Qorti iddikjarat il-provi ta' Roy Steer maghluqa wara illi huwa naqas milli jidher u jressaq provi.

Semghet il-kontro ezami ta' Dr Carlo Bisazza moghtija fis 17 ta' Marzu 2016.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-konsulenti legali tas-socjeta rikorrenti u tal-intimati kollha salv Roy Steer, moghtija fis 16 ta' Mejju 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi kien qieghed jigi organizzat kuncert f'Awissu 2010 tal-kantant Rod Stewart, liema kantant, flimkien mal-entourage tieghu, kienu ser joqghodu ghal bejn l-1 u l-4 ta' Awissu 2010 gewwa il-Hotel Grand Excelsior, Floriana.

Jirrizulta li fil 21 ta' Lulju 2010, wara negozjati illi saru bejn Norbert Grixti, General Manager tas-socjeta rikorrenti, u wiehed mill-intimati, Roy Steer, gie iffirmat ftehim bejn Michael Grima, Sales Manager tas-socjeta rikorrenti, u Roy Steer bhala 'Sales & Marketing Consultant', fejn numru ta' kmanar fil-Hotel Grand Excelsion gew riservati fuq prezz illi kien miftiehem bejn il-partijeit, li parti mill-prezz kellu jithallas billi jinghaddew numru ta' biljetti tal-kuncert illi kien ser jaghmel Rod Stewart.

Jirrizulta li, ghalkemm Roy Steer indikat bhala Sales & Marketing Consultant, huwa indikat ukoll b'mod traskritt bl-idejn, bhala "*appearing on behalf of RS and Partners*".

Jirrizulta li wara il-kuncert, kellu jsir il-hlas mitlub fil-kawza odjerna, izda tali hlas qatt ma sar u ghalhekk, fl 14 ta' Settembru 2010, intbghatet ittra ufficjali lill-konvenuti sabiex dawna jghaddu ghal hlas, liema hlas izda baqa' qatt ma sar.

Jirrizulta illi l-kont relattiv ghall-akkomodazzjoni ta' varji persuni illi kienu involuti fil-kuncert bejn it 22 ta' Lulju 2010 u il 5 ta' Awissu 2010 kien jammont ghall sebat elef, sebgha mija u erbghin Euro (€7,740), u dana kif jirrizulta mill-istatement tas-socjeta rikorrenti a fol 32 sa 34 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, la darba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet issa sorvolata bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, jenhtieg illi jigu kkunsidrati l-eccezzjonijiet l-ohra tal-kaz.

Jirrizulta illi d-difiza ta' Roy Steer hija illi huwa kien qieghed jagixxi esklussivament ghan-nom ta' Jennifer Farrugia, Paul Degaetano, Josienne Degaetano u Ray Steer Chetham, li kienu l-investituri, u dana in forza ta' kuntratt iffirmat bejniethom.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, l-intimati 'l ohra, preliminarjament, jeccepixxu illi Jane Steer Chetham u Eugenio Farrugia ma kellhom xejn x'jaqsmu mad-ditta RS and Partners filwaqt illi fil-meritu, jishqu illi Roy Steer ma kellu ebda rappresentanza legali tad-ditta RS and Partners u ghalhekk l-istess intimati u d-ditta RS and Partners ma kellha taghti xejn lis-socjeta rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi Roy Steer iffirma ftehim mas-socjeta rikorrenti fil 21 ta' Lulju 2010 sabiex jakkwista tlieta u tletin kamra bejn l-1 u it-3 ta' Awissu 2010, il-prezz ta' liema kmamar gie skontat minn €22,914 ghal €5,940 b'dan illi l-bilanc ta' €16,974 kellu jinghata lis-socjeta rikorrenti mill-intimati f'biljetti ghall-kuncert.

Jirrizulta illi apparti dawna l-kmamar hekk riservati, s-socjeta rikorrenti pprovdiet kmamar addizzjonali kemm fil-periodu pre-stabbilit kif ukoll fi granet qabel u wara, biex b'kollox il-kont totali tela ghal €7,740.

Jirrizulta illi l-intimati Roy Steer, Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetham u Jennifer Farrugia iffirmaw ftehim bejniethom li beda jopera mill 15 ta' April 2010 fejn Roy Steer kien indikat bhala il-"Manager" filwaqt illi l-erbgha persuni l-ohra kienu indikati bhala il-"partners", w ilkoll kienu qed jaghmlu referenza ghall-'marketing and management services' illi Roy Steer kien ser joffri ghall-kuncert ta' Rod Stewart illi kellu jittella fil-Fosos ta' Floriana fit 3 ta' Awissu 2010.

Jirrizulta ma hemm ebda raguni ghaliex Jane Steer Chetham u Eugenio Farrugia ghandhom jigu inkluzi fil-pendenzi dovuti minn RS and Partners, peress illi jidher car illi huma ma jikkonfigurawx fil-ftehim bejn l-intimati l-ohra.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi huwa car li Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetham u Jennifer Farrugia kienu involti fl-organizazzjoni tal-kuncert ta' Rod Stewart, bhalma kienu ukoll Roy Steer, illi kien huwa li kien qieghed jorganizza l-attivita' kollha bi flus terzi, ossija l-partners, intimati fil-kawza odjerna.

Jirrizulta illi ma jista jkun hemm ebda kontestazzjoni dwar il-kont tas-socjeta rikorrenti, kif jidher a fol 32 sa 34 tal-process, peress illi jidher car illi l-kmamar kollha hemm indikati inghataw bir-rata ferm ridotta illi s-socjeta rikorrenti tat lill-intimati u li dwarha sar ftehim ma' Roy Steer.

Jirrizulta wkoll, finalment, illi apparti il-ftehim ta' bejn l-intimati li dahal in operazzjoni mill-15 ta' April 2010, u li tidher a fol 40 sa 45 tal-process, jidher ukoll illi hemm ftehim iehor bejn il-partners RS and Partners u Roy Steer, datat 15 ta' Gunju 2010, fejn gie miftiehem illi Roy Steer kellu japplika ghal numru tal-VAT ghal-RS and Partners filwaqt illi, sakemm tali numru tal-VAT jinghatalhom, huma kienu qed jaqblu li jaghmlu uzu min-numru tal-VAT ta' Roy Steer stess, indikazzjoni cara, ghalhekk, illi anke Roy Steer kien qieghed jibbenefika minn tali operazzjoni, u mhux biss bhala Manager, kif qieghed jikkontesta fil-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Il Qorti ghalhekk,

Wara illi rat il-provi prodotti u rat x-xhieda

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni stante illi dina giet deciza mill-Qorti tal-Appell,

**Tilqa** l-eccezzjoni ta' Raymond Steer Chetham et fejn talbu li Jane Steer Chetham u Eugenio Farrugia jigu liberati mill-osservana tal-gudizzju, u di fatti tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt illi

**Tichad** l-eccezzjonjiet l-ohra ta' Roy Steer, Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetham u Jennifer Farrugia

U ghalhekk

**Tilqa** t-talba attrici limitatament kif gej

**Tikkundanna** lill-intimati Roy Steer, Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetham u Jennifer Farrugia, in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta rikorrenti Grand Hotel Excelsion Limited is-somma ta' sebat elef, sebgha mija u erbghin Euro (€7,740), u dana kif jirrizulta mill-istatement tas-socjeta rikorrenti a fol 32 sa 34 tal-process

Spejjez tal-proceduri odjerni kif miltuba u imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattrua relattiva sad-data tal-pagament effettiv ikunu kollha a karigu ta' Roy Steer, Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetham u Jennifer Farrugia, in solidum bejniethom

**Francesco Depasquale**
Magistrat

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur